MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 2377/2003

**Elia Borg u Charlene Borg**

**Vs**

**Chris Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta` Novembru, 2003 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallashom is-somma ta` elf, u erba` mitt lira (Lm1,400) jew somma verjuri li tigi stabbilita minn dan it-Tribunal rapprezentanti prezz ta` merkanzija ossia stock li jinsab gewwa l-hanut f'Naxxar Road, B'kara u liema merkanzija tinsab fil-pussess tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra interpellatorja u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 16 ta` Dicembru, 2003 fejn fl-ewwel lok sostjena li l-avviz kellu jigi ffirmat u fit-

tieni lok li ebda ammont ma hu dovut mill-konvenut peress illi fil-hanut ta` Naxxar Road ma hemm ebda merkanzija mixtrija u/jew imhallsa mill-atturi. Illi fl-ahhar nett allega li kienet l-istess attrici Charlene Borg li hija debitrici tieghu u kwindi rriserva li jipprocedi kontra taghha f'gudizzju separat.

Ra r-risposta ulterjuri tal-konvenut datata 12 ta` Marzu, 2004 fejn sostna illi qabel xejn l-ishubija ta` bejniethom l-ewwel trid tigi dikjarata xolta u fit-tieni lok il-pretenzjoni ta` Elia Borg hija inveritjiera u li l-konvenut m`ghandu jaghti xejn. Fl-istess hin, il-konvenut ressaq il-kontro-talba tieghu fejn sostna li ghandu jiehu minghand l-attrici Charlene Borg is-somma ta` Lm500 ghal kors tax-xaghar. Lm150 ghal mobile, Lm150 ghal diversi effetti ohra u 'l fuq minn Lm150 ohra ghal tad-dawl u ilma u spejjez ohra.

Ra r-risposta ghal kontro-talba datata 23 ta` Marzu, 2004 fejn l-attrici sostniet li m`ghandha taghti xejn lill-konvenut u spjegat li l-kors tax-xaghar ghamlitu fuq insistenza ta` l-istess konvenut filwaqt li l-mobile kien inghata lilha b'rigal filwaqt li talbitu jispecifika x'inhuma l-ispejjez l-ohra li qed jitlob ghalihom.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ezamina n-nota ta` osservazzjonijiet prezentata mill-konvenut.

Ikkunsidra.

Illi kien hemm zmien meta l-attrici u l-konvenut issiehbu flimkien f'negozju li kien ser jigi gestit minn gewwa fond ta` l-istess konvenut u dana bl-intesa li l-qligh jinqasam ugwalment bejniethom. Il-konvenut kien ha hsieb il-konverzjoni tal-fond u kif ukoll hallas ghal kors tax-xaghar li ghamlet l-attrici. L-apparat relattiv gie mixtri mill-attrici u tpogga fil-hanut in kwistjoni. L-attrici esebiet lista ta` dan l-apparat li tinsab a fol. 11 tal-process. Kien hemm zmien li telqet minn dan ix-xoghol pero` ftit wara rritornat u baqghet tippretendi li tithallas ta` nofs il-qligh. Din l-ishubija baqghet tithaddem minn Jannar sa Ottubru tas-

sena 2003. Hija tallega li l-apparat li hija ntroduciet fil-hanut u li kien gie mixtri minnha kollu ghadu jinsab gewwa l-hanut fil-pussess u uzu esklussiv tal-konvenut tant li hija sfat kostretta terga` tixtri kollox mill-gdid. Hija esebiet elenku ta` l-apparat a fol. 33 Dok CB8 u numru ta` ricevuti relattivi Dok CB1 sa Dok CB11. Tghid ukoll li kien l-istess konvenut li insista maghha biex taghmel il-kors tax-xaghar filwaqt li l-mobile kien tahulha biex jissostitwixxi dak li gia` kellha. Hija taqbel li l-kors tax-xaghar kien jiswa Lm500 u li kien thallas mill-konvenut pero` tinnega li kien hemm ftehim li flusu kellu jehodhom lura mill-qligh. Tghid ukoll li kienu jaqsmu l-qligh provenjenti mis-servizzi moghtija u mhux mill-bejgh tal-prodotti u dana peress illi l-qligh fuq dan ta` l-ahhar kien ikun ftit u kienet tuza l-flus mir-rikavat tal-bejgh ghax-xiri ta` prodotti ohra. Tinsisti wkoll li l-affarijiet mid-Dubai xtrathom minn flusha u mhux minn flus il-konvenut. Taqbel pero` dwar ix-xiri tal-computer li apparti l-ewwel Lm200, il-kumplament kien thallas mill-konvenut. Hija tghid li ma tafx li kienet registrata bhala self employed pero` fl-istess nifs tikkonferma li kienet applikat ghal VAT number fuq isimha sabiex tahdem bih.

Da parti tieghu l-attur Elia Borg ighid li qed jippretendi minghand il-konvenut is-somma ta` Lm550 ghal xoghol ta` bathrooms u madum mahdum minnu gewwa appartament il-Mosta. Din il-pretenzjoni tinsab riflessa fl-invoice mmarkata Dok EB1, liema invoice jigi notat li ma fiha ebda data. Jafferma wkoll li l-konvenut mal-ewwel innega li ghandu jhallsu. Aktar ‘il quddiem jispjega li x-xoghol tal-madum kien hadmu gewwa fabbrika fejn kien jahdem il-konvenut li tinsab gewwa Fort Road, Mosta. Kemm ghal dan ix-xoghol u kif ukoll ghax-xoghol ta` plumbing qed jitlob biss dak li kien dovut lilu ta` idejh cioe` tal-labour peress illi l-materjal mhux hu kien xtrah. Dan l-attur pero` jonqos li jaghti aktar dettalji fuq il-pretenzjoni tieghu bhala per ezempju meta kien sar dan ix-xoghol, min kien ordnalu dan ix-xoghol, ma min kien ftiehem fuq dan ix-xoghol, x’kien il-ftehim fuq dan ix-xoghol, fejn sar ix-xoghol tal-plumbing, min kien sid il-post fejn allegatament gie esekwit ix-xoghol mahdum minnu u dettalji ohra rilevantissimi ghal prova tal-kaz tieghu.

Edwin Mallia, rapprezentant tal-ETC ipproduca l-employment history ta` l-attrici Dok EM1 minn fejn jirrizulta li ma hemm ebda informazzjoni li hija kienet impjegata tal-konvenut. Fil-fatt ma hemm ebda record ta` impjieg bejn Jannar sa Ottubru 2003. Dan il-fatt jinsab konfermat f'ittra mibghuta mill-istess konvenut Dok EM 2.

Fl-affidavit tieghu, il-konvenut isostni li huwa kien ta l-flus lill-attrici f`Dubai meta marru flimkien sabiex din xtrat computer printer, stereo, u stereo iehor ghal karozza. Ighid li l-attrici ma kellhiex Lm500 biex taghmel il-kors tax-xaghar u flus ohra biex tarma l-hanut. L-apparat li kellha kien limitat. Ghalhekk kien ftiehem maghha li johrog il-flus hu ghal kors bil-patt u kundizzjoni li jehodhom lura max-xoghol cioe` minn sehem il-qligh taghha. Anke l-flus ta` l-istock harighom hu u kellu jithallas lura taghhom mal-bejgh ta` l-istess. Anke l-apparat il-gdid xtrah kollu hu. Il-konvenut ighid li ma ried ikollu x`jaqsam xejn mat-tmexxija tal-hanut hlief li fl-ahhar ta` kull gimgha kellu jigbor nofs il-qligh li kien tieghu. Fl-ewwel xhur il-hanut ma bediex sejjer tajjeb u minflok kien qed ihalli qligh, il-konvenut ighid li baqa` johrog flus minn butu. Ighid ukoll li kellhom jimpjegaw hairdressers part timer sakemm l-attrici tidra. Ighid li hallas madwar Lm200 spejjez tal-petrol tal-vettura li kienet tuza l-attrici u Lm200 ohra pagamenti fuq l-istess vettura. Xtralha wkoll mobile phone jiswa Lm150 bil-patt li jekk titlaq kellha tirritornah lura. Skond hu l-attrici kienet accettat. L-attur Elia Borg kien idur mal-konvenut ghax ma kellux xoghol pero` ma hux minnu li l-konvenut qatt kien qabbdu fuq xi bicca xoghol x'jaghmel u ghalhekk ma kienx minnu li kellu jtieh xi flus. Ighid li ghandu jiehu anke minghandu l-attrici ghal hsarat li kien garrablu fil-vettura tieghu per konsegwenza ta` ncident stradali. Kien hemm zmien meta beda jigbor bejn Lm30 sa Lm60 fil-gimgha mill-hanut. Darba minnhom pero` mar jivverifika il-konteggi gewwa l-hanut meta sema` li l-attrici kienet bihsieba tohrog BMW. Minn verifiki li ghamel ighid li rrizultalu li l-attrici ma kinitx qed tiehu biss nofs il-qligh fl-ahhar tal-gimgha izda wkoll nofs il-cost price tal-prodotti li tkun bieghet. Induna wkoll li l-hanut beda jigma l-kredituri peress illi l-attrici kienet qed thallas l-istock bin-nifs u mhux bil-flus tal-prodotti mibjugha. Meta kkonfrontha, hija

ma nnegatx dan, anzi riedet li jiehdu self bankarju sabiex tibqa` tixtri bin-nifs. Il-konvenut jallega li hija ma setghetx tifhem li l-prodotti kienu nxtraw minn flusu u mhux minn flus l-ishubija u kwindi l-prezz taghhom kien jappartjeni lilu u mhux lit-tnejn.

Ighid ukoll li meta ddecidiet li titlaq, l-attrici bdiet tippretendi li tiehu maghha l-apparat. Il-konvenut irresista peress li skond hu, dawn kienu kollha mixtrija minnu hlief ghal certi items biss fosthom – *lampa, foot massager, kaxxa make up zghira u wax machine u affarijiet ohra zghar personali.* In segwitu ta` rapport li ghamlitlu l-attrici fl-ghassa tal-pulizija, l-konvenut kien irritornalha certi oggetti personali. Huwa jsostni li meta jsiru l-konteggi ta` l-ishubija ser jirrizulta li ghandu jiehu mhux hazin minghand l-attrici. Sa llum jaf zgur li ghandu jiehu minghandha s-somma ta` Lm500 ghal kors tax-xahar, Lm150 ghal mobile phone, Lm200 spejjez tal-petrol u Lm200 pagamenti fuq il-vettura ta` l-attrici. Fil-fatt ghalhekk ighid li ghandu jiehu minghandha ferm aktar minn dak indikat fil-kontro-talba tieghu.

In kontro-ezami baqa` jikkonferma li l-istock ta` hairdressing salon kien xtrah hu bi flusu in kontanti u kwindi ma kienx minnu li kien hemm ftehim li dawn jinxtraw on consignment. Dan l-arrangament kien sehh wara bejn l-attrici u d-distributuri. Kien gie deciz li l-attrici taghmel kors tax-xaghar sabiex tigi ffrankata l-paga tal-hairdresser li kienet impjegata part time. Jikkonferma li huwa kien dahhal nail technician fil-hanut flok l-attrici meta sar jaf li kienet ghamlet il-hsieb li ser titlaq u dana sabiex il-klijenti tal-hanut jibqghu jinqdew.

Il-konvenut jaqbel li l-oggetti msemmija fl-ewwel paragrafu ta` pagna 11 tal-process baqghu fil-hanut pero` mhux minnu li kollha kienu ta` l-attrici. Minnhom l-attrici ghandha biss il-kit tad-dwiefer, paraffin warmer, foot massager. Il-computer u l-istereo ma kienux taghha. L-istereo tal-hanut inxtara mill-konvenut minn Malta filwaqt li tal-karozza nxtara mill-attrici minn Dubai. Jikkonferma li n-nail kit baqghet pero` ma jistax ighid jekk l-ircevuta a fol 26 tal-process tirriferix ghaliha jew le. Dwar l-irecvuti tal-Hi Fi a

fol. 27 sa 29 tal-process ighid li dawn zgur ma jirriferux ghall-apparat li jinsab fil-hanut tieghu. Jafferma wkoll illi l-computer li hemm fil-hanut xtrah hu minn flusu. Jikkonferma wkoll li kienu jaqsmu l-profitti bejniethom kull nhar ta` Sibt. Ma jiftakarx kemm hallas pagamenti ghall-vettura ta` l-attrici pero` kienu diversi. Jinnega li l-mobile phone il-gdid li sewa Lm150 kien tahulha bhala rigal.

Kevin Zammit ikkonferma bil-gurament tieghu li l-computer kien inxtara u thallas mill-konvenut u li dan l-apparat kien gie konsenjat fil-hanut ta` Naxxar Road, B’kara. Anke l-mobile phone kien inxtara mill-konvenut.

Ix-xhud Christine Miceli li tinnegozja fil-bejgh ta` prodotti kosmetici tghid illi kienet tbiegh u tikkonsenja dawn il-prodotti fil-hanut ta` Naxxar Road fuq ordnijiet ta` l-attrici pero` tghid ukoll li l-ewwel ordni kien ghamilha l-konvenut. Mhux dejjem kien isir hlas fil-pront pero` kull darba li kien isir xi hlas, hija kienet tiffirma fuq l-invoice. Tiftakar ukoll li l-ahhar pagament kien sar mill-konvenut u dana ghall-ammont ta` cirka Lm164. Ipprezentat bhala Dok CM1 il-case history ta` l-ordnijiet li saru fil-hanut in kwistjoni. Ma ghadx hemm kontijiet pendenti ma` dan il-hanut u dana anke billi kienu hargu credit notes fuq prodotti mhux mibjugha li ttiehdu lura. In kontro-ezami tghid li s-sistema tat-transazzjonijiet kienu on consignment u cioe` li jithallsu biss ghal dawk il-prodotti li jkunu gew mibjugha. Il-hlas dejjem kien isir in kontanti hlief ghall-ahhar wiehed li kien tramite cheque mahrug mill-konvenut kif gia` spjegat.

George Bonello li jinnegozja fil-bejgh ta` prodotti tax-xaghar jikkonferma li ma ghadx fadallu pendenzi max-xoghol mibjugh lill-hanut ta` Naxxar Road, B’kara peress illi kien hallsu ta` kollox il-konvenut. In kontro-ezami jafferma li kull darba li rriskontraw problemi ta` flus ma` dan il-hanut dejjem kien javvicina biss lill-konvenut.

Illi dwar it-talba mressqa mill-attur Elia Borg, It-Tribunal huwa tal-fehma kif gia` espress in parti hawn fuq li huwa naqas bis-shih li jressaq provi soddisfacenti in sostenn ghat-talba tieghu. Anzi jinghad inoltre li l-provi li ressaq kienu mhux biss konfliggenti izda addirittura anqas ma

jinkwadraw ruhhom fil-kawzali relattivi msemmija fl-avviz promotur. Illi ghalhekk dan it-Tribunal isib ferm gustifikati u fondati l-argumenti mressqa mill-konvenut fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu fil-konfront tat-talba sollevata mill-attur Elia Borg.

Illi dwar it-talba mressqa mill-attrici Charlene Borg fil-kors tal-process din zvolgiet f'talba ghal refuzjoni tal-valur tal-apparat mixtri minnha li halliet fil-hanut de quo u mhux ghas-sehem taghha tal-valur tal-merkanzija peress illi irrizulta car li dan ta` l-ahhar kien thallas originarjament mill-konvenut u in segwitu mir-rikavat tan-negozju. Illi jinghad ukoll li ma hemmx dubbju li bejn l-attrici u l-konvenut kien hemm relazzjoni ta` shubija fejn dawn kienu nghaqdu flimkien biex jibdew jiggestixxu negozju kummercjali. Skond l-istess attrici l-konvenut kellu jirranga l-hanut u jimlieh bl-istock filwaqt li s-sehem taghha kien li ddahhal l-apparat u tiehu hsieb it-tmexxija tan-negozju bil-qligh jinqasam nofs bin-nofs. Illi ghalhekk it-Tribunal isib li l-argument sollevat mill-konvenut fl-ewwel eccezzjoni tieghu fir-risposta ulterjuri u fil-kors tan-nota ta` osservazzjonijiet tieghu bhala wiehed gustifikat u cioe` li l-ewwel u qabel xejn trid issir il-likwidazzjoni ta` l-ishubija ta` bejniethom u r-reza tal-kontijiet sabiex wiehed ikun jista` jasal ghal konkluzjoni min ghandu jiehu u min ghandu jaghti. Dan l-argument japplika pero` mhux biss ghall-apparat ta` l-attrici li hija halliet fil-post meta telqet izda wkoll ghall-flejjes li hareg il-konvenut in kontemplazzjoni ghal din is-shubija fil-konfront ta` liema qed jitlob refuzjoni. Illi ma hux kompitu ta` dan it-Tribunal li jidhol f'materja ta` dan il-generu u dana oltre ghall-fatt li l-likwidazzjoni u divizjoni ta` tali shubija ma jikkostitwix il-meritu tal-kaz odjern.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad it-talba ta` l-attur Elia Borg fuq nuqqas ta` provi soddisfacenti u kwindi jilqa` l-eccezzjonijet sollevati mill-konvenut f'dan ir-rigward. Illi fil-konfront tat-talba ta` l-attrici Charlene Borg u l-kontro-talba tal-konvenut dan it-Tribunal qieghed jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni taghhom stante li jsib li jissussistu c-cirkostanzi u elementi

legali ndikati fl-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li huwa ssolleva fir-risposta ulterjuri datata 12 ta` Marzu, 2004 tenut kont tal-fatt ukoll li l-likwidazzjoni ta` socjeta` irregolari ma taqax taht il-kompetenza ta` dan it-Tribunal ai termini tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta` Malta.

Kwantu ghall-kap ta` l-ispejjez jigi ordnat illi dawk relattivi ghat-talba ta` l-attur Elia Borg ghandhom jigu sopportati mill-istess Elia Borg filwaqt fir-rigward tal-kumplament ta` l-ispejjes ghal din l-istanza dawn ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------